# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 16 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 53.**
**Citazz. Nru. 1309/00 JRM**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**vs**

**Raymond D'AMATO**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni ppresentat fis-26 ta' Gunju, 2000, li bih il-Kunsill attur ippremetta:

Illi huwa ghandu l-obbbligu u l-funzjoni li jipprovdi biex tinzamm fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew moghdija li ma tkunx proprjeta' privata u dan a tenur ta' l-artikolu 33(1)(a) tal-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali;

Illi l-konvenut abbusivament u klandestinament qabad u dahal f'bicca art pubblika li tinsab fi Triq il-Wied, Zurrieq, li hija dik indikata fl-annessa pjanta markata Dok "X", liema art taqa' fil-gurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq;

Illi l-konvenut qieghed jippossiedi din l-art pubblikament abbusivament;

Illi l-Kunsill Lokali taz-Zurrieq ottjena wkoll il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 2008/00 kontra l-konvenut li permezz tieghu gie inibit milli jidhol f'din il-bicca art pubblika;

Talab ghalhekk il-Kunsill Lokali attur li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-art pubblika fuq indikata taqa' fir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq bl-iskop li tinzamm fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni u titjib taghha;

2. Tiddikjara li l-konvenut m'ghandux titolu validu biex jokkupa jew jippossjedi l-art in kwestjoni; u

3. Tordna lill-konvenut sabiex ma jidholx fl-art pubblika fuq indikata ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-Kunsill Lokali attur u d-dokument mehmuz maghha, u l-lista tax-xiehda;

Rat li l-konvenut gie, kif kellu jkun, notifikat fis-6 ta' Settembru, 2000, bl-att tac-Citazzjoni u l-avviz tas-smigh tal-kawza, izda naqas li jipprezenta Nota tal-Eccezzjonijiet fiz-zmien moghti mil-ligi jew li jidher meta l-kawza ssejhet, u ghalhekk waqa' kontumaci;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 t'Ottubru, 2000, li fiha l-kawza baqghet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Semghet ix-xhieda tal-Kunsill Lokali attur u ezaminat id-dokument mehmuz man-Nota pprezentata mill-attur fit-23 t'Ottubru, 2000;

Semghet lill-Avukati tal-Kunsill Lokali attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

***Ikkunsidrat:***

Illi mill-atti tal-kawza nnifishom huwa evidenti li l-Kunsill Lokali attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi mnehhi mill-pussess ta' roqgha art li l-Kunsill jghid li hija pubblika. F'dan is-sens ukoll huwa mfassal ir-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 2008/2000 li ntlaqa' minn din il-Qorti (diversament presjedut) fl-14 ta' Gunju, 2000;

Illi l-artikolu 33 (1) li fuqu l-Kunsill Lokali attur qieghed isejjes it-talbiet tieghu, fil-paragrafu (a) tieghu, jirreferi ghal "triq jew moghdija, li ma tkunx proprjeta' privata". Il-ligi ma titkellimx dwar "art" f'dak l-artikolu. It-tifsira ta' "triq" fl-artikolu 2 tal-Att XV tal-1993 tinkludi *"...kull triq, sqaq, misrah, pont, xatt il- bahar, moll, jew post iehor ta' passagg jew access pubbliku.";*

Illi, minbarra dan, biex il-Kunsill Lokali li jkun ikollu gurisdizzjoni ghaz-zamma fi stat tajjeb u manutenzjoni jew ghal titjib, tali triq jew moghdija ma tridx tkun proprjeta' privata;

Illi m'hemmx dubju li l-art in kwestjoni taqa' sewwa fil-konfini tal-lokalita' tal-Kunsill Lokali attur, billi din [kemm kif murija fil-pjanta mehmuza bhala Dok "A" mac-Citazzjoni (fol 5 tal-process) u kif ukoll kif tirrizulta mill-pjanta mehmuza mar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta'

Inibizzjoni (fol 15 tal-process)] tinkwadra ruhha fil-pjanta enumerata 67/1 li tinsab fit-Tieni Skeda tal-Att. Minn tali pjanti jidher car li l-art mertu tal-kaz tmiss sewwasew ma' Triq il-Wied;

Illi l-artikolu 33 (1) tal-Att imsemmi huwa limitat ukoll b'dak li jipprovdi s-subartikolu (2) tieghu. Jista' jinghad, imma, li l-art li dwarha l-Kunsill Lokali attur fetah din il-kawza mhix milqut bir-Raba' Skeda tal-Att [li jitkellem dwar *"Hwejjeg Eskluzi mir-Responsabbilita' ta' Kunsilli Lokali*"], li, kwantu ghaz-Zurrieq, jeskludi biss ir-Radam ta' Wied Fulija. Ta' min jghid hawnhekk li l-imsemmija Skeda tirreferi ghal ghamliet ta' beni jew imkejjen li m'humiex biss "toroq" jew moghdijiet fit-tifsira dejqa ta' din il-kelma, imma tinkludi wkoll wesghat ta' art u beni ta' natura ohra;

Illi peress li ma tressqet l-ebda prova li l-art in kwestjoni hija art privata, il-Qorti se' toqghod fuq id-dikjarazzjoni mhux kontradetta tal-attur li l-art hija pubblika u li hija accessibbli mill-pubbliku ghall-finijiet tat-tifsira ta' "*triq*" kif imsemmi fil-ligi;

Ghalhekk, il-Qorti, fil-kontumacja tal-konvenut, taqta' din il-kawza billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba**, u tiddikjara li l-art indikata taqa' fir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq ghall-finijiet tal-Artikolu 33 tal-Att XV tal-1993;

2. **Tilqa' t-tieni talba**, u tiddikjara li l-konvenut m'ghandu l-ebda titolu biex izomm jew jokkupa l- imsemmija art; u

3. **Tilqa' t-tielet talba**, u tordna lill-konvenut biex ma jidholx fl-art imsemmija.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

*16 ta' Novembru, 2000.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**16 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Novembru, 2000.**